MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 29/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**JOHN CAUCHI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Cauchi bin Joseph u Maria nee` Grima residenti Nru 67, Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 27848G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-12 ta' Dicembru 2003 u f'dawn l-ahhar granet, f'razzett 'Ta' Dairy', f'Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex zamm gmiegh ta' demel f'ghalqa magenb ir-razzett f'Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li minbarra l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-istess inkonvenjent jitnehha fi zmien stabbilit mill-Qorti u fin-nuqqas tigi nflitta fuqu piena

ta' mhux aktar minn zewg liri Maltin ghal kull gurnata li jaccedi z-zmien stabbilit mill-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata minnu b'mod volontarju fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Semghet lil Aldo Portelli jixhed in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sanita` u jghid illi llum il-gurnata l-imputat irregola ruhu mal-ligi u ghalhekk l-istess Dipartiment m'ghadx ghandu interess f'dawn il-proceduri.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` l-artikolu 121 (2) u 321 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett xhur mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------